(x) *casework* fuq każijiet u xogħol ta' qorti, li jista' jinkludi attendenza u jipprovdu xhieda bħala esperti;

(xi) dmirijiet oħrajn skont l-esiġenzi tas-Servizz skont struzzjonijiet mogħtija mid-Direttur tas-Servizzi Korrettivi u/jew rappreżentanti tiegħu.

(xii) dmirijiet oħrajn skont l-esiġenzi tas-Servizz skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.2 Il-persuna magħżula hija mistennija li tuża l-mezzi tat-trasport tagħha għax-xogħol. Hija tkun intitolata għall-*allowance* approvat.

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:-

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(ċ) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw *status* ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "*Status* ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

(vii) overseeing the provision of support during serious incidents;

(viii) liaising with and providing consultancy to Correctional Officers, the Police, Social Workers, Probation Officers, representatives of the judicial and legal systems hospital staff;

(ix) analysing national policies to develop strategies for continuous improvement;

(x) case work notes and court work, sometimes including attendance and providing expert witness testimony;

(xi) performing other duties assigned to him/her by the Director, Correctional Services and/or his representatives;

(xii) Any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by the Principal Permanent Secretary.

4.2 The selected applicant will be expected to use his/her own means of transport for work purposes. S/he will be entitled to the appropriate approved allowance.

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:-

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti msemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għadhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġa mill-Pulizija mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji);

(iv) fil-pussess ta', jew ġew approvati biex jingħataw, *Post-Graduate Degree* (Masters) jew għola rikonoxxuta f'Livell 7 tal-MQF jew ogħla, fil-Psikoloġija, jew kwalifika xierqa, rikonoxxuta komparabbli;

(v) fil-pussess ta' *warrant* maħruġ mill-*Malta Psychology Profession Board*;

JEW

(vi) persuni li, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, għandhom ir-rekwiżiti kollha sabiex jingħataw il-*Warrant* hekk kif imsemmi f'paragrafu 5.1(v), skont kif speċifikat fil-Kap. 471 tal-Liġijiet ta' Malta. Persuni magħżula skont dan il-paragrafu jistgħu jiġu appuntati biss wara li jingħataw il-*Warrant* hekk kif imsemmija f'paragrafu 5.1(v). Din il-*Warrant* għandha tinkiseb mhux aktar tard mill-iskandenza tal-validità tar-riżultat ippubblikat wara l-proċess tal-għażla ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li, minbarra r-rekwiżiti mitluba f'paragrafu 5.1, għandhom esperjenza rilevanti ppruvata.

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn "bdil raġonevoli" skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), Kap. 413, anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) or (e) above necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in the Maltese and English Languages;

(iii) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

(iv) in possession, or have been approved for the award, of a recognised Post-Graduate Degree (Masters) or higher, at MQF Level 7 or higher, in Psychology, or an appropriate, recognised, comparable qualification;

(v) in possession of a Warrant issued by the Malta Psychology Profession Board;

OR

(vi) be persons who by the closing time and date of this call for applications, have all the requisites to be awarded the Warrant mentioned in paragraph 5.1 (v) above as specified in Cap. 471 of the Laws of Malta. Persons selected under this paragraph will only become appointable upon their being awarded the Warrant mentioned in paragraph 5.1 (v), which award must not occur later than the expiry of the validity of the result issued in consequence of the selection process of this call for applications.

5.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the eligibility requisites outlined in paragraph 5.1, have proven relevant experience.

6. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, Cap. 413, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents

msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa konsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu eżaminati minn Bord tal-Għażla biex jitqiesu l-kwalitajiet personali bħal personalità, xeħta, il-kapaċitajiet fil-komunikazzjoni u l-potenzjal li jwassal biex jingħata xogħol ta' kwalità għolja f'dan il-grad fi ħdan id-Dipartiment għas-Servizzi Korrettivi.

7.2 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq: (http://www.psc.gov.mt). Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

7.3 Ir-riżultat jiġi ppublikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment għas-Servizzi Korrettivi.

7.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew b'dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3 (a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki (MQRIC) u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

(b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard

which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Eligible applicants will be assessed for personal qualities such as personality, aptitude, communications skills, and the potential to achieve a high standard of performance for this post within the Correctional Services Department.

7.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at: (http://www.psc.gov.mt). A press notice will also be issued to all media organizations.

7.3 The result will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Correctional Services Department.

7.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Sectretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3 (a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

(b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the receiving department/directorate as soon as it is available and, in any case, by not later than one month

minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħquxjippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(ċ) L-applikanti huma eżenti milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki: (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f'sub-paragrafu (b) hawn fuq.

9. Il-kandidat magħżul ikun jeħtieġ joqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li huwa adatt għal dan il-post.

10. ll-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn *il-websites:*

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mid-Direttur Servizzi Korrettivi, Dipartiment għas-Servizzi Korrettivi, Triq il-Belt Valletta, Paola.

11. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza flimkien ma' *Service and Leave Record Form* (GP 47) fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Servizzi Korrettivi, Dipartiment għas-Servizzi Korrettivi, Triq il-Belt Valletta, Paola sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Marzu, 2012.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, it-23 ta' Marzu 2012 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur, Servizzi Korrettivi, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu **+**356 2366 8505.

13. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal għand id-Direttur Servizzi Korrettivi.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz

from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the department/directorate receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

(c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website: (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

9. The selected applicant will be medically examined to ascertain that s/he is fit for the post.

10. Application forms may be downloaded from the following websites:

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director Correctional Services, Correctional Services Department, Triq il-Belt Valletta, Paola.

11. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience a Service and Leave Record Form (GP 47) in case of Public Officers, will be received in the first instance by the Director Correctional Services, Correctional Services Department, Triq il-Belt Valletta, Paola by not later than noon (Central European Time) on Friday, 23rd March, 2012.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 23rd March 2012 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director, Correctional Services, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is +356 2366 8505.

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by Director Correctional Services and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline.

imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttur Servizzi Korrettivi, jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-28 ta' Frar, 2012

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, IX-XJENZA U T-TEKNOLOĠIJA

**Vakanza**

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija jinħtieġ jimla l-vakanza ta' *Project Administrator* [ESF Nru. 1.130 – *Making VET Education More Relevant and Attractive*] (MPO/205/2005/37) (Permess tal-ETC 15/2012).

Il-kandidati għandu jkollhom:

Lawrja fi grad ta' Baċellerat jew kwalifika professjonali ekwivalenti;

Mill-inqas tliet (3) snin esperjenza fi *project administration and management* jew f'pożizzjoni relatata ma' xi proġrett. Esperjenza fl-immaniġġar ta' fondi tal-UE titqies bħala vantaġġ.

Tingħata preferenza lil kandidati li jkollhom kwalifiki akkademiċi ogħla u/jew esperjenza ta' xogħol relatata.

Kandidati prospettivi huma mistiedna jissottomettu l-Formola tal-Applikazzjoni tal-MCAST flimkien mal-*Employment History* tagħhom li tinkiseb mill-ETC, sa mhux aktar tard mit-Tnejn, it-12 ta' Marzu 2012, f'nofsinhar.

L-applikazzjonijiet, li jinkisbu *online* jew mill-Uffiċċju tal-Riżorsi Umani tal-MCAST, għandhom jiġu indirizzati lid-Direttur Amministrattiv, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Paola PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew li ma jkunux mimlija kif imiss ma jiġux ikkunsidrati.

It-28 ta' Frar, 2012

DIPARTIMENT TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, MALTA

**Riżultat għall-Post ta' Purtier fid-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja (Malta)**

Id-Direttur Ġenerali (Qrati tal-Ġustizzja) jgħarraf li r-riżultat għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja (ir-raba' sular), Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

It-28 ta' Frar, 2012

The applications will be acknowledged in writing within seven (7) days.

28th February, 2012

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

**Vacancy**

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the post of Project Administrator [ESF 1.130 – Making VET Education More Relevant and Attractive] (MPO/205/2005/37) (ETC Permit 15/2012).

Candidates should:

Be in possession of a first degree or an appropriate recognized professional qualification;

Have a minimum of three (3) years experience in project administration and management or in a project related position. Experience in EU fund management will be considered an asset.

Preference will be given to candidates who hold higher academic qualifications and/or related work experience.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 12th March 2012, at noon.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office, are to be addressed to the Administrative Director at the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late or incomplete applications will not be considered.

28th February, 2012

COURTS OF JUSTICE DEPARTMENT, MALTA

**Result for the Post of Usher at the Courts of Justice Department (Malta)**

The Director General (Courts of Justice) notifies that the result for the above mentioned post has been published and can be viewed on the notice-board of the Courts of Justice Department (4th Floor), Triq ir-Repubblika, Valletta and that of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

28th February, 2012

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

**Eżami tat-Tagħlim tal-Lingwa Ingliża bħala Lingwa Barranija (EFL) - Novembru 2011**

**It-Tieni Parti - Oral bl-Ingliż**

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat tal-eżami msemmi ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fid-Dipartiment tal-Eżamijiet, Floriana u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

It-28 ta' Frar, 2012

EXAMINATIONS DEPARTMENT

**English as a Foreign Language (EFL) Examination - November 2011**

**Part II - Oral Session**

The Director of Examinations notifies that the result of the above examination has been published and may be viewed at the Examinations Department, Floriana and at the Examinations Centre, Victoria, Gozo, during office hours.

28th February, 2012

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U L-AFFARIJIET RURALI

**Konsultazzjoni pubblika dwar il-Politika dwar l-Ilma u Stima Ambjentali Strateġika**

Skont kif mitlub mir-Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strategika tal-2010 (AL. 497 tal-2010), il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali qiegħed iniedi konsultazzjoni pubblika fuq il-proposta għall-Politika dwar l-Ilma għal Malta (2010) u r-Rapport dwar l-Ambjent, imħejji b'rabta ma' din il-Politika dwar l-Ilma.

Il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika hu mifrux fuq perjodu ta' tmien ġimgħat li jibda mid-data tal-pubblikazzjoni (it-28 ta' Frar, 2012) u jagħlaq fl-24 ta' April, 2012.

Id-dokument tal-Politika dwar l-Ilma għal Malta (Lulju 2010) u r-rapport dwar l-ambjent relatat, kif proposti, jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku tal-Ministeru: (www.mrra.gov.mt). Kummenti jew suġġerimenti jintlaqgħu mill-Ministeru permezz tal-posta elettronika (waterpolicy.mrra@gov.mt) jew fl-indirizz postali li ġej: Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, Blokk B, Triq Francesco Buonamici, Floriana. Kull korrispondenza fuq is-suġġett għandha tkun immarkata "Konsultazzjoni Pubblika dwar il-Politika dwar l-Ilma u Stima Ambjentali Strateġika".

Kull sottomissjoni tiġi rikonoxxuta mill-Ministeru u tista' tintuża u, jew tiġi ppubblikata mill-Ministeru fi kwalunkwe żviluppi fil-Politika dwar l-Ilma għal Malta.

It-28 ta' Frar, 2012

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

**Public consultation on Water Policy and Strategic Environmental Assessment**

The Ministry for Resources and Rural Affairs in line with the requirements of the Strategic Environmental Assessment Regulations, 2010 ( LN 497 of 2010) is launching a public consultation on the draft Water Policy for Malta (2010) and the relative draft Environmental Report on this Water Policy.

The period for consultation is of 8 weeks from the date of publication (28th February, 2012) up to the 24th April, 2012.

The draft Water Policy (July 2010) and the relative draft Environmental Report can be downloaded for the website (www.mrra.gov.mt). Any comments or suggestions are accepted by the Ministry via email (waterpolicy.mrra@gov.mt) or by post to the following address at: Ministry for Resources and Rural Affairs, Block B, Triq Francesco Buonamici, Floriana. All correspondence on the subject should be clearly marked "Public Consultation on Water Policy and Strategic Environmental Assessment".

All submissions will be duly acknowledged by the Ministry and may be used and, or published by the Ministry in any developments to the Water Policy for Malta.

28th February, 2012

*THE QUALITY ASSURANCE INITIATIVE ADJUDICATING COMMITTEE*

***Merit Award Scheme - 2012***

Il-*Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee (Audit Committee)* fi ħdan id-Diviżjoni tas-Saħħa tilqa' applikazzjonijiet għall-proposti għas-Sena 2012 mingħand uffiċjali mediċi eliġibbli mill-kategoriji ta' *Clinical Chairperson/Director, Consultant/Principal General Practitioner, Resident Specialist/Designate Consultant/Senior General Practitioner* u *General Practitioner* impjegati fis-Servizz Pubbliku jew Settur Pubbliku.

L-applikazzjonijiet għandhom isiru fuq formoli apposta u għandhom jaslu fl-Uffiċċju tal-QAIAC fis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, SLH-OPD (Level 1), Pjazza San Luqa, Gwardamanġa sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Erbgħa, id-29 ta' Frar 2012. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Tobba eliġibbli jistu jiksbu kopja tal-formola tal-applikazzjoni u kundizzjonijiet mill-*website* tad-Diviżjoni tas-Saħħa: (http://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/publichealthregulation/merit_award_scheme.aspx) jew DH Cir. Nru. 17/2011. Aktar tagħrif jinkiseb mingħand is-Segretarja fl-Uffiċċju tal-QAIAC fuq in-numru tat-telefon: 2595 3311.

It-28 ta' Frar, 2012

THE QUALITY ASSURANCE INITIATIVE ADJUDICATING COMMITTEE

**Merit Award Scheme – 2012**

The Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee (Audit Committee) within the Health Division invites applications for proposals for 2012 from eligible medical officers from the categories of Clinical Chairperson/Director, Consultant/Principal General Practitioner, Resident Specialist/Designate Consultant/Senior General Practitioner, General Practitioner employed within the Public Service or Public Sector.

Applications on the designated forms should reach the Office of the QAIAC at the Superintendence of Public Health, SLH-OPD (Level 1), St. Luke's Square, Gwardamanġa by not later than noon on Wednesday, 29th February 2012. Late applications will not be considered.

Eligible officers may obtain a copy of the Call for Proposals and relative application form from the Heath website: (http://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/publichealthregulation/merit_award_scheme.aspx) or from the DH Circular No. 17/2012. Further information may be obtained from the Secretary at the QAIAC Office on telephone number: 2595 3311.

28th February, 2012

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

**Avviż**

Il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi b'riferenza għall-avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,864 tat-3 ta' Frar, 2012, il-ftuħ tal-kaxxi tal-voti għandu jibda fis-7.00 p.m. tas-Sibt, l-10 ta' Marzu, 2012 u l-għadd tal-voti għandu jsir hemmhekk minnufih wara.

SALV. GAUCI
*Kummissjonarju Elettorali Prinċipali*

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-28 ta' Frar, 2012

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

**Notice**

The Electoral Commissioners hereby give notice that with reference to the notice published in Government Gazette No. 18,864 of the 3rd February, 2012, the opening of the ballot boxes shall commence at 7.00 p.m. of Saturday, 10th March, 2012 and the counting of the votes will take place immediately therafter.

SALV. GAUCI
*Chief Electoral Commissioner*

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Il-Belt Valletta.

28th February, 2012

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI
(KAP. 354)

**Avviż**

Ngħarrfu illi skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 34 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), b'ordni tal-Uffiċjal Reviżur saru dawn iż-żidiet, dan it-tnaqqis u korrezzjonijiet fir-Reġistru Elettorali ppubblikat f'Ottubru, 2011

ŻIDIET

Farrugia Lawrence – 17761(G) – Qalb ta' Ġesù, Triq l-Indipendenza, Ix-Xewkija
Farrugia Maureen – 40493(G) – Qalb ta' Ġesù, Triq l-Indipendenza, Ix-Xewkija
Farrugia Pauline – 70360(G) – Qalb ta' Ġesù, Triq l-Indipendenza, Ix-Xewkija

TNAQQIS

Farrugia Pauline – 202660(M) – 55, White Lodge, Triq Lapsi, Is-Siġġiewi
Bezzina Mario – 513164(M) – 94, Carissima, Triq Fisher, L-Imġarr
Muscat Dean-Pierre – 494076(M) – My Dream, Il-Ħbula, Limiti ta', Ħad-Dingli
Borg Chris – 10380(G) – Fl 4, Triq Taċ-Ċawla, Blokk 1, Bieb A, Ir-Rabat (Għawdex)
Borg Jade Connie Angela – 102098(M) – Fl 4, Triq Taċ-Ċawla, Blokk 1, Bieb A, Ir-Rabat (Għawdex)
Hadhri Rochdi – 250606(L) – 1, Triq it-Tabib Anton Tabone, Ir-Rabat (Għawdex)
Spiteri Rodrick – 13081(G) – Ahimsa Crt Blk B, Fl 4, Triq Ta' Skerla, Ta' Sannat
Awischus Carl – 46930(A) – Il-Ġnejna Crt, Fl 4, Triq l-Ewropa, Ir-Rabat (Għawdex)
Dickinson John Joseph – 26676(A) – Ġnejna Crt, Fl 4, Triq l-Ewropa, Ir-Rabat (Għawdex)
Dickinson Mary Hodge – 26675(A) – Ġnejna Crt, Fl 4, Triq l-Ewropa, Ir-Rabat (Għawdex)
Johansson Maria Jessica – 41655(A) – Ġnejna Crt, Fl 1, Triq l-Ewropa, Ir-Rabat (Għawdex)
Keen Jamie Derek – 53444(A) – Katrin, Triq Borg Għarib, Għajnsielem
Pap Gerhard Nandor – 46344(A) – Ġnejna Crt, Fl 4, Triq l-Ewropa, Ir-Rabat (Għawdex)
Schmidt Martin Willi Herbert – 46929(A) – Il-Ġnejna Crt, Fl 4, Triq l-Ewropa, Ir-Rabat (Għawdex)
Sciacca Erika – 20671(A) – Ġnejna Crt/Fl 1, Triq l-Ewropa, Ir-Rabat (Għawdex)
Sciacca Roberto – 20672(A) – Ġnejna Crt/Fl 1, Triq l-Ewropa, Ir-Rabat (Għawdex)

KORREZZJONIJIET

Bates Richard Liam –121802(L) – 25, Triq in-Nigret, Il-Qala
għandu jinqara – *should read*
Bates Richard Liam –121802(L) – Fl 6, Magro, Triq Manwel Magro, Marsalforn, Iż-Żebbuġ

Dimech Melchiore –119582(M) – L-Awwista, Fl 8, Triq is-Sajjied, Marsalforn, Iż-Żebbuġ
għandu jinqara – *should read*
Dimech Melchiore –119582(M) – Our Nest, Triq l-Indipendenza, Ħaż-Żebbuġ

It-28 ta' Frar, 2012

GENERAL ELECTIONS ACT
(CAP. 354)

**Notice**

In terms of article 34 of the General Elections Act (Cap. 354), it is notified that by order of the Revising Officer, the following additions, deletions and corrections were made in the Electoral Register published in October, 2011.

ADDITIONS

DELETIONS

CORRECTIONS

28th February, 2012

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur jgħarraf li l-post ta' Segretarju Eżekuttiv huwa vakanti.

Il-persuni eliġibbli biex jimlew il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv (Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u persuni li jkunu kkwalifikaw bħala Segretarji Eżekuttivi Prospettivi) jistgħu japplikaw permezz tal-applikazzjoni li titniżżel mis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali – (www.dlg.gov.mt) u ndirizzata:

Is-Sindku
(Vakanza Segretarju Eżekuttiv)
Kunsill Lokali Ħal Għargħur,
Triq San Nikola,
Ħal Għargħur, GĦR 1162

L-applikazzjoni tista' tintbagħat bil-posta jew titwassal fil-Kunsill f'envelop magħluq sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, it-13 ta' Marzu, 2012.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jkunux ikkunsidrati.

It-28 ta' Frar, 2012

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

The Ħal Għargħur Local Council notifies that the post of Executive Secretary is vacant.

All eligible persons (Executive Secretaries serving within Local Councils, and persons who have qualified as prospective Executive Secretaries) may apply on the relevant application form which can be downloaded from the site of the Department of Local Government - (www.dlg.gov.mt) and addressed to:

The Mayor
(Vacancy Executive Secretary)
Ħal Għargħur Local Council,
Triq San Nikola,
Ħal Għargħur, GĦR 1162

Applications may be sent by post or delivered at the above address in a sealed envelope by noon on Tuesday, 13th March, 2012.

Late applications will not be considered.

28th February, 2012

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

**Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża illi, b'riferenza għall-avviż il-ġdid li ġej, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fid-data indikata hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, Floriana:**

**Sal-10.00 a.m. it-TLIETA, l-10 ta' April, 2012, għal:**

CT/A/006/2012 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3001/2012. Provvista, konsenja, installazzjoni, ittestjar u kummissjonar ta' *X-Ray Rradiation Lead Protection Systems* u *preassembled automatic operation, motorized, power operated swing lead protected internal wooden laminate faced doorsets* għat-Teatri tal-Operazzjonijiet 1 u 2 fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex – Ministeru għal Għawdex. Kopja tad-dokument tal-offerta jista' jitniżżel mill-*website:* (http://www.contracts.gov.mt).

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-23 ta' Frar, 2012

**Lista tal-avviżi kurrenti tinsab permezz tas-sit tad-Dipartiment fuq: (http://www.contracts.gov.mt/current_tenders).**

DEPARTMENT OF CONTRACTS

**The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following new advertisement will be received on the date indicated below. Tenders are to be deposited in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:**

**Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 10th April, 2012, for:**

CT/A/006/2012 - Contracts Ref No, CT 3001/2012. Supply, delivery, installation, testing and commissioning of X-Ray Radiation Lead Protection Systems and preassembled automatic operation, motorized, power operated swing lead protected internal wooden laminate faced doorsets for the Operating Theatres 1 and 2 at the Gozo General Hospital – Ministry for Gozo. The tender document may be downloaded free of charge from: (www.contracts.gov.mt).

This is a Supply Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

The EU Contract Notice was dispatched on 23rd February, 2012.

**A list of all current advertisements is available from the Department's website: (http://www.contracts.gov.mt/current_tenders).**

**Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu biss minn fuq is-sit tad-Dipartiment tal-Kuntratti: (http://www.contracts.gov.mt). L-offerenti huma avżati li mill-istess sit, jistgħu jniżżlu previżjoni tad-dokumenti, bla ħlas. Tinħtieġ reġistrazzjoni sabiex isir użu tas-servizzi elettroniċi tad-Dipartiment: iktar informazzjoni tinsab fuq: (http://www.contracts.gov.mt/help?l=2). Is-sit jipprovdi wkoll informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.**

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data memmija aktar 'il fuq.

It-28 ta' Frar, 2012

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża lill-offerenti kollha illi skont l-AL 296 tal-2010 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2010 ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti għar-rigward tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara 12.00 (nofsinhar). **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*website* uffiċjali tad-Dipartiment: (http://www.contracts.gov.mt).**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġeneral (Kuntratti) skont Partijiet II jew XIII tal-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-Parti tar-Regolamenti.

It-28 ta' Frar, 2012

**Tender documents are only obtainable from the website of the Department of Contracts: (http://www.contracts.gov.mt). Tenderers are reminded that from this website, they can download preview documents for free. Registration is required in order to make use of the electronic services of the Department: more information is available from: (http://www.contracts.gov.mt/help). The website also provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.**

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

28th February, 2012

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of LN 296 of 2010 of the Public Contracts Regulations 2010 recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice-board every Wednesday and Friday after 12.00 (noon). **Tenderers may also obtain this information by utilizing the Department's official website: (http://www.contracts.gov.mt).**

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) in accordance with Parts II or XIII of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this Part of the Regulations.

28th February, 2012

## DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET

Il-Kummissarju tal-Artijiet jgħarraf li:

**Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, it-8 ta' Marzu, 2012.**

Avviż Nru. 22. Għotja b'ċens temporanju, għal perjodu ta' ħamsin (50) sena, ta' Binja f'Tas-Sliema, konsistenti fil-Ħanut Nru. 29 Triq it-Torri u spazju għall-uffiċini fuq l-istess ħanut li qiegħed fuq erba' (4) sulari b'entratura separata minn Nru.1 Sqaq it-Torri, Tas-Sliema, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2008_423. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €10,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħamsa u ħamsin elf ewro (€55,000) fis-sena ma' jiġux ikkunsidrati.

## LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:

**Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 8th March, 2012.**

Advt. No. 22. Grant on a temporary emphyteusis, for a period of fifty (50) years, of a Building in Sliema, consisting of Shop No. 29 Triq it-Torri and overlying four (4) floors of office space with a separate entrance from No. 1, Sqaq it-Torri, Sliema, shown edged in red on plan P.D.2008_423. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of fifty five thousand Euro (€55,000) per annum will not be considered.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 23. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' tnax-il ewro ċenteżmi (€0.12) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fl-14 ta' Awwissu, 2023, regolat skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Emanuele Pio Debono tat-23 ta' Jannar, 1925, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, ta' tliet (3) siti fi Triq Dawret it-Tunnara, Il-Mellieħa, murija bl-aħmar, bil-blu u bl-aħdar u mmarkati A, B u C rispettivament fuq pjanta P.D.2011_643. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €5,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut. Offerti anqas mill-ammont ta' mitejn u tmienja u erbgħin elf ewro (€248,000) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €100 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 24. Bejgħ ta' sit fi Triq il-Wilġa, San Ġiljan muri bl-aħmar u mmarkat A fuq pjanta P.D.2011_1026. Dan is-sit hu soġġett għal servitujiet eżistenti a favur tal-proprjetà adjaċenti. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €5,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlieta u erbgħin elf ewro (€43,000) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

**Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, il-15 ta' Marzu, 2012.**

Avviż Nru. 25. Għotja b'ċens temporanju, għal perjodu ta' ħamsa u sittin (65) sena, tal-Fond f'Tul-il-Kosta, Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2007_871. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €5,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf u ħames mitt ewro (€27,500) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 26. Għotja b'ċens perpetwu rivedibbli ta' sit taħt l-art fir-Rabat, Għawdex, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2005_185_1. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €2,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' għaxart elef ewro (€10,000) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 23. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of twelve Euro cents (€0.12) per annum, for the remaining period which expires on the 14th August, 2023, as per deed in the acts of Notary Emanuele Pio Debono dated 23rd January, 1925, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the three (3) sites in Triq Dawret it-Tunnara, Mellieħa, shown edged in red, blue and green and marked A, B and C respectively on plan P.D.2011_643. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €5,000 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal. Offers below the amount of two hundred and forty eight thousand Euro (€248,000) will not be considered.

A fee of €100 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 24. Sale of a site in Wilga Street, Saint Julians, shown edged in red and marked A on plan P.D.2011_1026. This site is subject to existing servitudes in favour of adjacent property. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €5,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of forty three thousand Euro (€43,000) will not be considered.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

**Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 15th March, 2012.**

Advt. No. 25. Grant on a temporary emphyteusis, for a period of sixty five (65) years, of the Premises in the Coast Road, Baħar iċ-Ċagħaq, limits of Naxxar, shown edged in red on plan P.D.2007_871. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €5,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twenty seven thousand five hundred Euro (€27,500) per annum will not be considered.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt No. 26. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of an underground site in Rabat, Gozo, as shown edged in red on plan P.D.2005_185_1. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €2,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of ten thousand Euro (€10,000) per annum will not be considered.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Avviż Nru. 27. Għotja b'ċens perpetwu rivedibbli, *tale quale,* bid-difetti moħbija kollha li jista' jkun hemm, tal-Fond Nru. 68, Triq San Lazzru, Bormla, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_37_2010. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u tmenin ewro (€180.00) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 28. Kiri, għal mhux anqas minn għaxar (10) snin, tal-Ħanut vojt Nri. 1 u 2, taħt Blokk O, Triq il-Ġilju, Santa Luċija, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.11_82_111_A. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef seba' mija u disa' ewro (€4,709) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 29. Kiri, minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit fil-limiti ta' Ħal Safi, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2009_37_A. Bdiewa *full-time* jingħataw preferenza. Ċertifikat mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (E.T.C.) kif ukoll ċertifikat mid-Dipartiment tal-Agrikultura, li jikkonfermaw li għall-anqas f'dawn l-aħħar tliet (3) snin kien/et bidwi *full-time*, jridu jiġu annessi ma kull offerta. F'każ li l-ebda bidwi *full-time* ma' jagħmel offerta, il-Gvern iżomm id-dritt li jagħti l-offerta lil kwalunkwe offerent ieħor. Offerti anqas mill-ammont ta' erba' mitt ewro (€400) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati

Irid jitħallas dritt ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Kwot. PFI Nru. 331. *Verapamil Hydrochloride 5mg injections*.

Kwot. PFI Nru. 332. *Flecainide Acetate 150mg injections*.

Kwot. PFI Nru. 333. *Ondansetron 4mg injections*.

Kwot. PFI Nru. 334. *Monofilament Polyamide G1*.

Kwot. PFI Nru. 335. *Monofilament Polypropylene G5/0*.

Kwot. PFI Nru. 336. *Ortho Short Stainless Steel Ties (Short Ligatures) 0.010"*.

Kwot. PFI Nru. 337. *Peg - Asparaginase injections*.

Kwot. PFI Nru. 338. *Idarubicin 5mg vials*.

Kwot. PFI Nru. 339. *3.5mm Cortex Screws*.

Il-PFIs kollha msemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq (http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240).

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-*Central Procurement and Supplies Unit*, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

It-28 ta' Frar, 2012

PUBLIC BROADCASTING SERVICES LIMITED

Iċ-*Chief Executive Officer* jgħarraf illi:-

**Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Marzu 2012, fil-Kaxxa tal-Offerti f'TV House, Triq Bordin, Gwardamanġa PTA 1022, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-**

Avviż Nru. 02/2012. Provvista, installazzjoni, l-ittestjar u kummissjunar ta' sistemi ta' trasport vertikali għall-immodernizzar ta' bini f'75, Triq San Luqa, Gwardamanġa.

Dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu matul il-ħinijiet normali tal-uffiċċju mid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi jew billi tintbagħat *email* fuq: (tenders@pbs.com.mt).

Is-sottomissjonijiet kollha għandu jkollhom ir-Rif. Nru. PBS Tender 02/2012 u l-isem tal-applikant indikat b'mod ċar fuq l-envelop magħluq.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

75, Triq San Luqa, Gwardamanġa PTA 1022, Malta
*website:* www.pbs.com.mt
*email:* info@pbs.com.mt
Nru. tat-*Tel*. (356) 21 225 051
Nru. tal-*Fax* (356) 21 244 601

It-28 ta' Frar, 2012

Quot. PFI No. 331. Verapamil Hydrochloride 5mg injections.

Quot. PFI No. 332. Flecainide Acetate 150mg injections.

Quot. PFI No. 333. Ondansetron 4mg injections.

Quot. PFI No. 334. Monofilament Polyamide G1.

Quot. PFI No. 335. Monofilament Polypropylene G5/0.

Quot. PFI No. 336. Ortho Short Stainless Steel Ties (Short Ligatures) 0.010".

Quot. PFI No. 337. Peg - Asparaginase injections.

Quot. PFI No. 338. Idarubicin 5mg vials.

Quot. PFI No. 339. 3.5mm Cortex Screws.

All the above PFIs can be downloaded from (http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240).

Further information may be obtained from the Central Procurement and Supplies Unit, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

28th February, 2012

PUBLIC BROADCASTING SERVICES LIMITED

The Chief Executive Officer notifies that:-

**Sealed tenders will be received in the Tender Box at TV House, Triq Bordin, Gwardamanġa PTA 1022, up to 10.00 a.m. on Friday, 23rd March 2012, for:-**

Advt. No. 02/2012. Supply, installation, testing and commissioning of vertical transportation systems for the refurbishment of building at 75, Triq San Luqa, Gwardamanġa.

Tender documents may be obtained during normal office hours from the Corporate Services Department or by sending an email on: (tenders@pbs.com.mt).

All submissions must have Ref. No. PBS Tender 02/2012 and the applicant's name clearly indicated on the sealed envelope.

Late applications will not be considered.

75, Triq San Luqa, Gwardamanġa PTA 1022, Malta
website: www.pbs.com.mt
email: info@pbs.com.mt
Tel. No. (356) 21 225 051
Fax No. (356) 21 244 601

28th February, 2012

TRANSPORT MALTA

**Sejħa għal Kwotazzjonijiet**

Transport Malta jgħarraf illi:-

**Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, is-6 ta' Marzu 2012, fil-Kaxxa tal-Offerti *(Reception* - Livell 1), Transport Malta, Malta Transport Centre, Il-Marsa, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin kompluti bid-dokumenti kollha meħtieġa għal:-**

Kwot. Nru. TM_Quot 139/2012. Żbir ta' siġar fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Ħaż-Żabbar.

Min hu interessat għandu jniżżel kopja b'xejn tad-dokument tal-kwotazzjoni.

It-28 ta' Frar, 2012

KUNSILL LOKALI BIRŻEBBUĠA

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa jgħarraf illi:-

**Sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, it-28 ta' Marzu 2012, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin għal:-**

Avviż Nru. 01/12. Tindif u manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 02/12. Servizzi ta' tindif ta' toroq.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Kwot. Nru. 01/12. Servizz ta' trasport *(lifter)*.

Kwot. Nru. 02/12. Provvista u installazzjoni ta' bandla għal tfal bi bżonnijiet speċjali.

Kwot. Nru. 03/12. Provvista ta' *photocopier.*

Kwot. Nru. 04/12. Provvista ta' *cold asphalt*.

Aktar informazzjoni tinkiseb mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fuq Telefon Nru. 2165 0165, *Fax* Nru. 2165 0444, *email*: (birzebbuga.lc@gov.mt).

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-28 ta' Frar, 2012

TRANSPORT MALTA

**Call for Quotations**

Transport Malta notifies that:

**Sealed quotations complete with all required documents are to be submitted in the Tender Box (Reception - Level 1), Transport Malta, Malta Transport Centre, Marsa, up to 10.00 a.m. on Tuesday, 6th March 2012 for:**

Quot. No. TM_Quot 139/2012. Pruning of trees at Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Ħaż-Żabbar.

Interested parties are invited to download a free copy of the quotation document.

28th February, 2012

BIRŻEBBUĠIA LOCAL COUNCIL

The Birżebbuġia Local Council notifies that:-

**Sealed tenders/quotations will be received at the Council's Administrative Office up to noon on Wednesday, 28th March 2012, for:-**

Advt. No. 01/12. Cleaning and maintenance of Public Gardens.

A fee of €50 has to be paid with every copy of tender document.

Advt. No. 02/12. Street cleaning services.

A fee of €50 has to be paid with every copy of tender document.

Quot. No. 01/12. Transport service (lifter).

Quot. No. 02/12. Supply and installation of swing for children with special needs.

Quot. No. 03/12. Supply of photocopier.

Quot. No. 04/12. Supply of cold asphalt.

Further information can be obtained from the Council's Administrative Office on Telephone No. 2165 0165, Fax No. 2165 0444, email: (birzebbuga.lc@gov.mt).

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

28th February, 2012

KUNSILL LOKALI L-GĦARB

Il-Kunsill Lokali L-Għarb jgħarraf illi:-

**Sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, is-7 ta' Marzu, 2012 jilqa' kwotazzjonijiet magħluqin bħala parti mill-proġett taċ-Ċentru Ċiviku, għal:-**

Kwot. Nru. 01/12. Xogħol ta' *gypsum*.
Kwot. Nru. 02/12. *PA System, projector* u *screen*.
Kwot. Nru. 03/12. Għamara tal-uffiċċju.
Kwot. Nru. 04/12. Tagħmir tad-dawl.
Kwot. Nru. 05/12. Apparat ta' tifi tan-nar, sistema ta' alarm tan-nar u ta' serq u *CCTV cameras*.

Għandu jitħallas dritt ta' €25.00 għal kull dokument tal-kwotazzjoni.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Kunsill.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-28 ta' Frar, 2012

GĦARB LOCAL COUNCIL

The Għarb Local Council notifies that:-

**Sealed quotations will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 7th March, 2012 as part of the l-Għarb Civic Centre project for the following:-**

Quot. No. 01/12. Gypsum works.
Quot. No. 02/12. PA system, projector and screen.
Quot. No. 03/12. Office furniture.
Quot. No. 04/12. Light fittings.
Quot. No. 05/12. Fire Extinguishers, Fire Alarm System, Intruder Alarm System and CCTV cameras.

A fee of €25 is to be paid for each quotation document.

Further details may be collected from the Council's offices.

The Council reserves the right to refuse all quotations even the most advantageous.

28th February, 2012

KUNSILL LOKALI IL-GUDJA

Il-Kunsill Lokali Il-Gudja jgħarraf illi d-data tal-għeluq ta' meta wieħed jista' jissottometti l-offerti magħluqin imsmmija hawn taħt ġiet estiża għall-Erbgħa, il-21 ta' Marzu, 2012.

Avviż Nru. GLC/01/2012. Xogħlijiet fit-toroq urbani ta' aċċess fil-Gudja.

Għandu jitħallas dritt ta' €100 għal kull dokument tal-offerta.

Avviż Nru. GLC/02/2012. Xogħlijiet fuq mogħdijiet pedonali u pavimentar fil-Gudja.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull dokument tal-offerta.

Avviż Nru. GLC/03/2012. Manutenzjoni ġenerali u xogħlijiet ta' tiswija ta' natura ordinarja u straordinarja, tiswijiet ta' bankini, mogħdijiet pedonali u xogħlijiet żgħar oħra kif ikun meħtieġ mill-Kunsill minn żmien għal żmien. Min jagħmel l-offerta għandu jidentifika x-xogħlijiet speċifiċi li jridu jiġu provduti u r-rati rilevanti li japplikaw. Il-materjal meħtieġ għandu jkun provdut fuq is-sit mill-kuntrattur.

GUDJA LOCAL COUNCIL

The Gudja Local Council notifies that the closing date to submit the undermentioned sealed tenders has been extended up to noon on Wednesday, 21st March, 2012.

Advt. No. GLC/01/2012. Road works for access urban roads in Gudja.

A fee of €100 will be charged for every copy of tender document.

Advt. No. GLC/02/2012. Footpaths and paving works in Gudja.

A fee of €50 will be charged for every copy of tender document.

Advt. No. GLC/03/2012. General maintenance and repair works of ordinary and extraordinary nature, repairs of kerbs, footways and other minor sundry works as may be required by the Council from time to time. The tenderer should identify the specific works to be provided and relative rates as appropriate. The material required should be provided on site by contractor.

Għandu jitħallas dritt ta' €30 għal kull dokument tal-offerta.

Avviż Nru. GLC/04/2012. Traqqigħ ta' toroq ta' aċċess u xogħol ieħor relatat.

Għandu jitħallas dritt ta' €30 għal kull dokument tal-offerta.

Avviż Nru. GLC/05/2012. Żamma u manutenzjoni ta' *parks* u *soft-areas* fil-Gudja.

Għandu jitħallas dritt ta' €80 għal kull dokument tal-offerta.

Id-dokumenti u tagħrif rilevanti jistgħu jinkisbu mill-indirizz li ġej:

Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill,
88, Triq Ray Caruana,
Gudja GDJ1010
Tel: 2167 2020, *Fax:* 2166 4646
*Email:* gudjal.lc@gov.mt

It-28 ta' Frar, 2012

A fee of €30 will be charged for every copy of tender document.

Advt. No. GLC/04/2012. Patching and other related works for access roads.

A fee of €30 will be charged for every copy of tender document.

Advt. No. GLC/05/2012. Upkeep and maintenance of parks and soft-areas in Gudja.

A fee of €80 will be charged for every copy of tender document.

Documents and the relative information may be obtained from the following address:

Council's Administrative Offices,
88, Triq Ray Caruana,
Gudja GDJ1010
Tel: 2167 2020, Fax: 2166 4646
Email: gudjal.lc@gov.mt

28th February, 2012

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex) jgħarraf illi:-

**Sal-11.30 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Marzu, 2012 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-**

Avviż. Nru. ZGLC 02/2012. Provvista u ġarr ta' *ground recessed luminaries*.

Għandu jitħallas dritt ta' €25 għal kull kopja tad-dokumenti tal-offerta.

Dokumenti tal-offerta u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ fi Triq il-Knisja Iż-Żebbuġ. L-offerti jinfetħu quddiem il-pubbliku mad-data u l-ħin tal-għeluq.

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iżomm id-dritt li jirrifjuta l-aktar kwotazzjoni vantaġġuża.

It-28 ta' Frar, 2012

ŻEBBUĠ (GOZO) LOCAL COUNCIL

The Żebbuġ (Gozo) Local Council notifies that:-

**Sealed quotations will be received at the Council's Administrative Office till 11.30 a.m. on Tuesday, 27th March 2012, for:-**

Advt. No. ZGLC 02/2012. Supply and delivery of ground recessed luminaries.

A fee of €25 should be paid for each copy of tender documents.

Tender documents and further information may be obtained from the Iż-Żebbuġ Local Council Administrative Office at Triq il-Knisja iż-Żebbuġ. Offers will be opened at the time of the closing date in the presence of the public.

The Council reserves the right to reject any offer, even the most advantageous.

28th February, 2012

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

341

B'digriet mogħti, fit-23 ta' Awwissu 2011, mill-Qorti tal-Appell, fl-atti tar-Rikors tal-Appell, fl-ismijiet Marco Borg vs Id-Direttur Ġenerali tal-Qrati et, rikors numru 555/2005 JRM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti Celine u Agnes Farrugia, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

By means of a decree given, on the 23rd August 2011, by the Court of Appeal, in the records of the Application of Appeal, in the names Marco Borg vs the Director General of Courts et, application number 555/2005 JRM, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendants Celine and Agnes Farrugia, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Appell, Ċitazzjoni Numru 555/2005 JRM, fl-ismijiet Marco Borg vs id-Direttur Ġenerali tal-Qorti, Adrian Genovese u Edward Farrugia u b' digriet tat-23 ta' Lulju 2008, l-atti tal-kawża għaddew mill-persuna tal-imħarrek Edward Farrugia, li miet qabel saret in-notifika tal-atti, għall-persuna ta' wliedu Celine Farrugia, Andrè Farrugia, Colette Crisp u għal kull interess li jista' jkollha Agnes armla tal-imsemmi Edward Farrugia, bħala użufruttwarja tiegħu, fit-12 ta' April 2011, ir-rikorrenti Marco Borg K.I. 343656 M, espona bir-rispett;

By means of an Application filed in the Court of Appeal, Writ of Summons Number 555/2005 JRM, in the names Marco Borg vs the Director General Courts, Adrian Genovese and Edward Farrugia and by decree of the 23rd July 2008, the records of the cause passed on from the person of the defendant Edward Farrugia, who died before the records were served, on to the person of his children Celine Farrugia, Andrè Farrugia, Colette Crisp and for any interest she may have Agnes, widow of the said Edward Farrugia as his usufructuary, on the 12th April 2011, the applicant Marco Borg I.D. 343656M, respectfully pleaded;

Illi permezz ta' Ċitazzjoni, tal-10 ta' Ġunju 2005, l-appellant, wara li ppremetta illi (a) permezz ta' bejgħ in liċitazzjoni miżmum taħt l-Awtorità tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tal-14 ta' Novembru 2002, kien ġie liberat a favur tal-attur bil-prezz ta' €37,735.85, l-utile dominju temporanju għaż-żmien li kien fadal sas-sena 2045, il-ħanut 366, bl-isem 'Marco's Shoe Shop' Triq Manwel Dimech, Sliema, kif soġġett, għas-subċens annwu u perpetwu ta' €0.61 (b) illi sussegwentement irriżulta li l-konċessjoni enfitewtika temporanea fil-fatt tagħlaq fis-sena 2015 u mhux fis-sena 2045 kif hemm deskritt fir-relazzjoni tal-periti fl-atti tas-subbasta, (c) illi per konsegwenza l-attur safa ngannat billi ħallas prezz għall-bejgħ in liċitazzjoni tal-konċessjoni enfitewtika tal-fond sudeskritt għall-perjodu ħafna iqsar mill-perjodu indikat fl-atti tas-subbasta, (d) illi huwa opportun li fiċ-ċirkostanzi, il-prezz li ħallas l-attur jiġi ridott għall-ammont li jirrifletti ġustament il-valur tal-konċessjoni enfitewtika, ...omissis... u b'hekk issir rifużjoni lill-attur tal-bilanċ li huwa ħallas in eċċess, talab (i) tiddikjara li l-perjodu tal-utile dominju temporanju tal-ħanut numru 366, bl-isem 'Marco's Shoe Shop' ...omissis... (v) u bl-imgħax relattiv, sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, minn issa inġunti għas-subizzjoni.

That by means of a Writ of Summons, of the 10th June 2005, the appellant, after having premised that (a) by means of sale by licitation held under the Authority of the Civil Court First Hall of the 14th November 2002, there had been adjudged in favour of the plaintiff, towards the price of €37,735.85, the temporary utile dominju for the remaining period till the year 2045, the shop 366, with the name 'Marco's Shoe Shop' in Triq Manwel Dimech, Sliema, as subject to the annual and perpetual subgroundrent of €0.61 (b) that subsequently it resulted that the temporary emphyteutical concession in fact lapses in the year 2015 and not the year 2045 as described in the architect's report in the records of the judicial sale, (c) that as a consequene the plaintiff, was decieved as he paid a price in the judicial sale of the emphyteutical concession of the premises above described for a much shorter period that the period indicated in the records of the judicial sale (d) that it is opportune that in the circumstances the price paid by the plaintiff, be reduced to an amount which justly reflects the value of the emphteutical concession ...omissis... and thus there be made a refund to the plaintiff of the balance he paid in excess, asked (i) to declare that the period of the temporary utile dominium of the shop, number 366, with the name 'Marco's Shoe Shop' ...omissis... (v) and with the relative interest till the effective payment against the defendants, from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Illi l-imħarrek mill-imħarrek Adrian Genovese, fit-13 ta' Lulju 2005, laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal it-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa u jmisshom jitwarrbu, bl-ispejjeż.

That the person summoned from the defendant Adrian Genovese, on the 13th July 2005, upheld the plaintiff's action, by upholding the plaintiff's demands, by stating that the plaintiff's demands, should not be upheld and should be put aside, with costs.

...omissis...

Illi l-imħarrek Direttur Ġenerali tal-Qrati, fil-15 ta' Lulju 2005, laqa' għall-azzjoni attriċi, billi, b'mod preliminari, qal li jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawza bi spejjeż, għall-attur u dan għaliex għall-allegazzjonijiet magħmula mill-attur ma jweġibx hu, iżda d-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali, kif jgħid ir-regolament 3(4) tal-Avviż Legali 139 tat-2004 u wkoll li f'kull każ l-azzjoni waqgħet billi tnaqqis fil-prezz ta' ġid miksub f'irkant bil-Qorti, jista' jintalab biss qabel mal-post jinħeles favur l-offerent u billi wara l-liberazzjoni r-rimedju mogħti, li jmissu jintalab fi żmien sitt xhur minn dak inhar li l-ġid jinħeles definittivament.

...omissis...

Illi b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, tat-23 ta' Marzu 2011, il-Qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek Direttur Ġenerali tal-Qrati u ssib li l-azzjoni mressqa mill-attur ma setgħetx issir skont il-liġi, u b'hekk teħles lill-imħarrkin kollha mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur.

Illi l-appellant ħass ruħu aggravat bis-sentenza preċitata u qiegħed jinterponi dan l-umli appell.

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti.

Illi l-Artikolu 356(7) tal-Kap. 12 jipprovdi kif ġej;

(7) Jekk qabel jew wara li tkun saret liberazzjoni l-offerent jew ix-xerrej, skont il-każ jiskopri li l-proprjetà immobili tkun soġġetta għal kull piż, kirja jew jeddijiet oħra sew reali jew personali li ma jkunux ġew magħduda fil-valutazzjoni skont l-Artikolu 310, l-offerent jew ix-xerrej, skont il-każ, ikollu l-jedd, fl-ewwel każ, jew li jitlob li jirtira l-offerta tiegħu jew li jkollu l-offerta tiegħu mnaqqsa u fit-tieni każ, ix-xerrej ikollu d-dritt li jitlob ir-rexiżjoni tal-bejgħ.

Illi minn provi prodotti jirriżulta li fil-fatt iċ-cens, in kwistjoni verament jagħlaq fis-sena 2015 u mhux fis-sena 2045, kif indikat fir-relazzjoni peritali.

...omissis...

Illi għalhekk kien hemm żball fil-korrettezza tat-titolu u fid-deskrizzjoni tal-fond u tad-drittijiet magħquda mal-fond in kwistjoni u għaldaqstant il-kweżit tal-Artikolu 356(7) u cioè li l-proprjetà immobilijari kienet soġġetta għall-piżijiet li ma kinux inklużi fil-valutazzjoni ai termini tal-Artikolu 310 tal-Kap. 12 huwa sodisfatt.

...omissis...

That the summoned Director General of Courts, on the 15th July 2005, upheld the plaintiff' demand, by stating in the first place, that he should be freed, from the cause, with costs to be borne by the plaintiff and this because he does not reply to the allegations made by the plaintiff, but the Director Civil Courts and Tribunals, as stated by regulation 3(4) of Legal Notice 139 of 2004 and also in any case the action lapsed, as a reduction in the price of property acquired in a judicial, can only be asked before the premises is adjudicated in favour of the offeror and as it is after the adjudication, the remedy given, that it should be demanded within six months from when the property is definitely adjudicated.

...omissis...

That by a judgement of this Honourable Court, of the 23rd March 2011, the Court, upheld the second plea of the summoned Director General of Courts, and found that the action brought forward by the plaintiff, could not be made according to law and thus free all the persons summoned, from the observance of the judgement, with costs against the plaintiff.

That the appellant felt aggrieved by the judgement quoted and is humbly filing this appeal.

That the grievance is clear and manifest and consists in the following:

That article 356(7) of Cap. 12 provides as follows:

(7) If before or after the adjudication is made the offeror or purchaser, according to the case, discovers that the immovable property is subject to a burden, lease or other rights real or personal which are not listed in the valuation according to article 310, the offeror or purchaser, according to the case, shall have the right, in the first place, or to ask that he withdraw his offer or, that his offer be reduced and in the second case, the purchaser shall have the right to demand the rescission of the sale.

That from the proof it results that in fact the emphyteusis in question truly lapses in the year 2015 and not the year 2045, as indicated in the architect's report.

...omissis...

That thus there was a mistake in the correctness of the title and in the description of the premises and the rights attached to the premises in question and thus the requiste of Article 356(7) and namely the immovable property was subject to burdens which are not included in the valuation of article 310 of Cap. 12 is satisfied.

Illi għalhekk wieħed irid jara xi drittijiet hemm spettanti lill-akkwirent ai termini tal-Artikolu preċitat sabiex huwa jinħall minn tali akkwist jew jiġi kkumpensat ġaladarba jkun akkwista l-proprjetà, kif fil-fatt kien il-każ de quo.

Illi huwa minnu li l-Artikolu 356 (7) jagħmel distinzjoni bejn il-każ meta l-akkwirent jinduna bl-iżball fil-valutazzjoni qabel issir l-aġġudikazzjoni tal-proprjetà fis-subbasta u l-każ meta l-akkwirent jintebaħ bl-iżball wara li ssir l-aġġudikazzjoni.

Illi l-Artikolu preċitat jipprovdi li fl-ewwel każ l-akkwirent għandu d-dritt jitlob inter alia ir-riduzzjoni tal-offerta tiegħu u l-konsegwenti tnaqqis fil-prezz qabel ma tkun saret il-liberazzjoni. U f' każ li tkun saret il-liberazzjoni l-Artikolu jipprovdi li l-akkwirent ikollu d-dritt li jitlob ir-rexiżjoni tal-bejgħ.

Illi fl-umli fehma tal-appellant, id-dritt li jintalab tnaqqas fil-prezz qabel ma tkun saret il-liberazzjoni huwa dritt esklussiv u ma jista' jintalab ebda dritt ieħor salv id-dritt ta' riduzzjoni tal-offerta.

...omissis...

Illi però ma jistax jingħad l-istess għat-tieni parti tal-artikolu preċitat u l-interpretazzjoni li ngħatat mill-ewwel Onorabbli Qorti, hija b'kull rispett restrittiva wisq.

...omisis...

Illi fl-umli fehma tal-appellant, l-akkwirent, għandu sew id-dritt li jitlob ir-rexiżjoni tal-bejgħ jew alternattivament ir-riduzzjoni tal-offerta tiegħu wara li tkun saret il-liberazzjoni.

Għaldaqstant l-appellant, filwaqt li jirriżerva li jipproduċi dawk il-provi kollha permissibbli skont il-liġi, jitlob li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell, jogħġobha, tħassar, tirrevoka s-sentenza preliminari, tagħha tat-23 ta' Marzu 2011, fl-ismijiet fuq premessi u tirremetti l-kawża lura, lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, sabiex tiġi trattata u deċiża skont il-liġi, bl-ispejjeż, taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

Appellant: Marco Borg, Razzett No 8, Triq Bajja Salini, Naxxar.

Appellat: Celine u Agnes Farrugia, 728, St. Joseph High Road, Ħamrun.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 22 ta' Frar 2012.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That one has to see what rights are due to the acquirer in terms of the above mentioned article so that be be freed from such acquisition and be compensated once he has acquired the property, as infact was the case de quo.

That it is the case that article 356 (7) distinguishes between the case when the acquirer notices of the mistake in the valuation before the adjudication of the property in the judicial sale and the case when the acquirer notices the mistake after the adjudication.

That the above mentioned article, provides that in the first case the acquirer has the right alia to ask for the reduction of his offer and the consequent reduction in the price before the adjudication is made. And in case the adjudication is made the article provides that the acquirer shall have the right to rescind the sale.

That in the humble opinion of the appellant, the right to demand the reduction of the price before the adjudication, is an exclusive right and no other right can be demanded saving the right of reduction of the offer.

...omissis...

That however the same cannot be said for the second part of the above mentioned article and the interpretation given by the Honourable Court of First Instance is with all respect restrictive.

...omissis...

That in the humble opinion of the appellant, the acquirer, has both the right to rescind the sale or alternatively the reduction of his offer after the adjudication has been made.

Thus the appellant, whilst reserving to produce all the proof permissible by law, asks this Honourable Court of Appeal, to cancel, revoke the preliminary judgement, of the 23rd March 2011, in the names above premised and send back the cause, to the First Hall Civil Court, so that it be heard and decided according to law, with costs of both instances, against the respondent defendants.

Appellant: Marco Borg, Razzett No 8, Triq Bajja Salini, Naxxar.

Respondent: Celine and Agnes Farrugia, 728, St. Joseph High Road, Hamrun.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 22nd February 2012.

ADV. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

342

B'digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tal-ittra tal-medjazzjoni numru 118/11, fl-ismijiet Gabriel Johnson Akerehombe (K.I. 3886A) vs Ramona Alouzi (K.I. 98787) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Ramona Alouzi, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Urġenti ta' Gabriel Johnson Akerehombe (K.I. Numru 38886A) ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-18 ta' Novembru 2011, ir-rikorrenti Gabriel Johnson Akerehombe (K.I. numru 38886A) espona bir-rispett;

Illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri ..omissis.. Johnson Akerehombe, li llum għandu sentejn, imwieled mir-relazzjoni li huwa kellu mal-intimata;

Illi bi qbil bejn il-partijiet permezz ta' skrittura privata datata 16 ta' Mejju 2011 quddiem l-Avukat Dr Lara Dimirijevic, huma ftehmu 'inter alia' illi l-kura u l-kustodja għandha tkun waħda konġunta.

Illi minkejja dan u bla ebda raġuni valida r-rikorrent qiegħed jiġi miċħud milli jara lil ibnu.

Illi r-rikorrent huwa ferm inkwetat u dan peress illi l-intimata hija mara rresponsabbli u mhux ta' karattru tajjeb.

Illi fil-fatt f'Mejju ta' din is-sena u cioè ġimgħa wara li ġiet iffirmata l-iskrittura privata kienet l-intimata stess illi ħadet lill-minuri għandu u qaltlu biex iżommu.

...omissis...

Illi tul iż-żmien tax-xahrejn illi t-tifel kien mar-rikorrent, il-konvenuta rari għamlet kuntatt ma' binha u ma wrietx l-ebda interess.

Illi fis-27 ta' Lulju ta' din is-sena, il-konvenuta infurmat lir-rikorrent illi ġejja tara t-tifel minuri u kien fil-fatt dik il-gurnata illi mingħajr ma infurmat lir-rikorrent ħadet it-tifel u ma rritornatux lura.

...omissis...

Illi r-rikorrent huwa tal-umli fehma illi l-ambjent illi fih qiegħed jitrabba ibnu m'huwiex dak idoneu u illi qiegħed u se jkompli jkun ta' ħsara irreparabbli għalih.

...omissis...

By means of a decree given, by the Civil Court (Family Section) in the records of the letter of mediation number 118/11, in the names Gabriel Johnson Akerehombe (I.D. 3886A) vs Ramona Alouzi (I.D. 98787) the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Ramona Alouzi, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Urgent Application, of Gabriel Johnson Akerehombe (I.D. Number 38886A), filed in the Civil Court (Family Section) on the 18th November 2011, the applicant Gabriel Johnson Akerehombe (I.D. number 38886A) respectfully pleaded;

That the plaintiff is the natural father of the minor ..omissis.. Johnson Akerehombe, who today is two years old, born from the relationship he had with the respondent;

That by agreement between the parties by means of a private writing dated 16th May 2011, before Advocate Dr Lara Dimirijevic, they agreed 'inter alia' that the care and custody should be joint.

That despite of this and without any valid reason the applicant is being deprived from seeing his son.

That the applicant is very worried and this because the respondent is an irresponsible woman and not of good character.

That in fact in May of this year and namely one week after the private writing was signed the respondent herself took the minor to the plaintiff and told him that he stays with him.

...omissis...

That during the period of two months that the boy was with the applicant, the defendant, rarely made contact with her son and showed no interest.

That on the 27th July of this year the defendant informed the applicant that she was going to see the minor boy and infact it was on that day that without informing the applicant, she took the boy and did not return him back.

...omissis...

That the applicant is of the humble opinion that the surrondings within which his son is being brought up is not suitable and shall continue to cause ireparable damage to him.

...omissis...

Illi mill-banda l-oħra l-esponenti jinforma lill-Qorti, li huwa għandu impieg full-time u jinsab f'relazzjoni stabbli taż-żwieġ ma' mara ta' nazzjonalità Maltija li minnha għandu tifla.

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, sabiex wara li tieħu konjizzjoni tal-fatti suesposti:

1. tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri ..omissis.. tiġi fdata esklussivament lir-rikorrenti u dan fl-interess suprem tal-istess minuri;

2. bla preġudizzju għall-premess u biss in via sussidjaraja f'każ li l-Qorti ma tilqax l-ewwel talba tiegħu, li tiffissa l-aċċess xieraq u dan taħt dawk il-kundizzjonijiet u modalitajiet li jidhrilha xierqa u opportuni.

Esponenti: Nagoya, Flat 3, Triq Ġlieba, San Pawl. Il-Baħar.

Intimata: 77, St. Anthony Flats, Triq Ganu, Birkirkara.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 23 ta' Frar 2012.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That on the other part the applicant informed the Court that he has a full time employment and is in a stable relationship of marriage with a woman of Maltese nationality from which he has a girl.

Thus the applicant respectfully asks this Honourable Court, so that after it takes cognizance of the facts above mentioned:

1. it orders that the care and custody of the minor ..omissis.. be entrusted exclusively to the applicant and this in the supreme interest of the minor;

2. without prejudice to the premised and subsidiarily in case that the Court rejects his first demand, that it grants suitable access and this under those conditions and modalities it deems fit and opportune.

Applicant: Nagoya, Flat 3, Triq il-Glieba, San Pawl il-Bahar.

Respondent: 77, St. Anthony Flats, Triq Ganu, Birkirkara.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 23rd February 2012.

ADV. FRANK PORTELLI,LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

343

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tal-1 ta' Diċembru 2011, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C8692) ta' Zachary House, Industrial Estate, Marsa, ippreżentaw Talba fid-19 ta' Lulju 2011, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Pektan Turas ta' Southern Fried Chicken, Main Street, Mellieħa, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,267.87 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Nru. 593/11VGD) hija differita għad-9 ta' Marzu 2012 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 23 ta' Frar 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the Small Claims Tribunal of 1st December 2011, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C8692) of Zachary House, Industrial Estate, Marsa filed a Claim on the 19th July 2011 whereby they asked the Tribunal to condemn Pektran Turas, Southern Fried Chicken, Main Street, Mellieħa, to pay the plaintiff company the sum of €1,267.87 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim No. 593/11VGD) is put off on the 9th March 2012 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 23rd February 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

344

Illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tal-1 ta' Diċembru 2011, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Felix Borg (K.I. 108785M) ta' 27, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Żejtun, ippreżenta Talba fis-7 ta' Novembru 2011, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Philip Attard (K.I. 491065M) ta' 7, Carmel Street, Fgura, sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' €2,163 liema ammont huwa dovut lill-attur.

Il-kawża (Avviż Nru. 945/11DMA) hija differita għas-6 ta' Marzu 2012 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 23 ta' Frar 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the Small Claims Tribunal of 1st December 2011, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Felix Borg (I.D. 108785M) of 27, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Żejtun, filed a Claim on the 7th November 2011 whereby he asked the Tribunal to condemn Philip Attard (I.D. 491065M) of 7, Carmel Street, Fgura, to pay the plaintiff the sum of €2,163 which amount is due to the plaintiff.

The case (Claim Number 945/11DMA) is put off on the 6th March 2012 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 23rd February 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

345

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja fl-14 ta' Frar 2012, Rikors Numru 106/2012, minn Liam Bondin u Anna Bondin neé Vassallo, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur l-istess Anna Bondin, mart id-decujus, u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż; u favur l-istess Liam u Alana aħwa Bondin ulied id-decujus, u dan fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Anthony Bondin, żewġ l-istess Anna Bondin, iben Francis Bondin u Mary neé Grech, imwieled Pietà, kien joqgħod San Ġwann u miet Floriana fil-5 ta' Diċembru 2011 ta' 54 sena u kellu karta tal-identità numru 0058357(M) u li miet mingħajr testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Illum 23 ta' Frar, 2012

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 14th February 2012, Application number 106/2012 by Liam Bondin and Anna Bondin neé Vassallo, whereby they prayed that it be declared open in favour of the same Anna Bondin wife of the decujus and this in the quota of one half (1/2) undivided share; and in favour of Liam and Alana brother and sister Bondin children of the decujus and this in the quota of one fourth (1/4) undivided share each one of them the SUCCESSION of Anthony Bondin, husband of the same Anna Bondin, son of Francis Bondin and Mary neé Grech born in Pietà resided in San Ġwann and died in Floriana on the 5th December 2011, aged 54 holding identity card number 0058357(M) intestate.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section.

Today 23rd February, 2012

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

346

B'digriet mogħti, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-17 ta' Settembru 2011, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2471/11, fl-ismijiet Top Level Enterprises Company Limited vs Albert Xuereb et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 21 ta' Lulju 2011

Lil: Albert Xuereb (419057M) u martu Rosaria Xuereb 342058M)

'Albert' Triq l-Għenieq,
Naxxar.

Bil-preżenti Top Level Enterprises Company Limited (C 10601) ta' Mon Reve, Triq il-Kokka, Kappara, San Ġwann, tagħmel riferenza għall-kuntratt ta'kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, tas-16 ta' Ġunju 2003 (Dok A animo ritirandi) li in forza tiegħu intom ikkostitwejtu ruħkom veri, ċerti ulikwidi debituri tal-mittenti fis-somma ta' (€76,869.32) mislufa lilkom għall-bżonnijiet personali tagħkom, liema flus kellhom jitħallsu lura lill-mittenti fi żmien sena mid-data tal-kuntratt imsemmi flimkien ma' imgħaxijiet legali bit-tmienja fil-mija (8%).

Il-mittenti tirrileva illi mis-somma msemmija baqa' dovut bilanċ fuq il-kapital ta' (€58,234.33) oltre mgħaxijiet legali. Dan ġie rikonoxxut minnkom f'Mejju 2006 u minn dik id-data ma sar ebda pagament ieħor akkont tal-ammont dovuti.

Stante illi l-bilanċ imsemmi għadu s'issa dovut minkejja diversi interpellazzjonijiet, bil-preżenti l-kumpannija mittenti tinterpellak biex immedjatament tħallasha s-somma ta'(€58,234.33) bilanċ minn somma akbar dovuta skont l-att notarili anness.

Bl-imgħaxijiet tat 8% fis-sena mis-16 ta' Ġunju 2003, sal-pagament effettiv, kif stipulat fl-istess kuntratt.

Din l-intima qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u speċjalment biex tirrendi l-att fuq imsemmi eżegwibbli skont il-liġi kif rikjest mill-Att 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Notifika: Albert u Rosaria Xuereb' Albert' Triq l-Għenieq, Naxxar (2 kopji).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Frar 2012.

AVV. FRANK PORTELLI,LLD.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given, by the First Hall Civil Court, on the 17th September 2011, in the records of the judicial letter number 2471/11, in the names Top Level Enterprises Company Limited vs Albert Xuereb et, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 21st July 2011.

To: Albert Xuereb (419057M) and his wife Rosaria Xuereb 342058M)

'Albert' Triq l-Għenieq,
Naxxar.

By the present Top Level Enterprises Company Limited (C 10601) of Mon Reve, Triq il-Kokka, Kappara, San Gwann, refers to the contract of constitution of debt in the records of Notary Anthony Grech Trapani, of the 16th June 2003 (Dok a animo ritirandi) in virtue of which you constituted yourselves, true, certain and liquid debtors of the interpellants in the sum of (€76,869.32) give on loan to you for your personal necessities, which money was to be paid back to the interpellants, within one year from the date of the contract mentioned together with legal interests at eight per cent (8%).

The interpellants point out that from the sum mentioned there remains due the balance on capital of (€58,234.33) besides legal interest. This was acknowledged by you in May 2006 and from that date no other payment on account of the amounts due was made.

Since the balance mentioned is till now, due despite of various callings, by the present the interpellant company calls upon you so that immediately you pay the sum of (€58,234.33) balance of a larger sum due according to the notarial deed attached.

With the interests of 8% yearly from the 16th June 2003, till the effective payment as stipulated in the same contract.

This calling is being made for all intents and purposes of law and especially to render the act above mentioned executable according to law as requiresd by Act 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs.

Notify: Albert and Rosaria Xuereb,'Albert' Triq l-Għenieq, Naxxar (2 copies).

Registry of the Superior Courts, today 23rd February 2012.

ADV. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

347

B'digriet mogħti fil-25 ta' Jannar 2012, fl-atti tal-ittra uffiċjali, numru 3716/2011, fl-ismijiet Gasan Mamo Insurance Ltd vs Joseph Debattista, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

Illum 18 ta' Novembru 2011.

Lil 1. Joseph Debattista (K.I. 521843M)
Flat 6, Philip Court,
Triq it-Turisti,
Buġibba, San Pawl il-Bahar.

2. Peak Insurance Brokers Limited,
Apex Office,
Triq il-Qalb Imqaddsa,
Santa Venera.

3. Awtorità għat-Trasport f'Malta,
Licensing and Testing Directorate,
Hornworks Ditch,
Floriana.

4. Il-Kummissarju tal-Pulizija,
Kwartieri Ġenerali,
Pjazza San Kalċidonju,
Floriana.

Bil-preżenti, GasanMamo Insurance Limited (C 3143) ta' Triq l-Imsida Gżira, GZR 1405, jinformawkom għal kull fini u effett tal-liġi illi b'effett minn nofsillejl ta' 14 ta' Ottubru 2011, il-polza tal-assikurazzjoni numru L1281 0319815 maħruġa mis-soċjetà mittenti fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni tar-Renju Unit RYK 123 Y ta' l-għamla Ferrari 4001, proprjetà tiegħek, Joseph Debattista, ġiet imħassra u kkanċellata stante illi inti, Joseph Debattista, inqast milli tirritorna ċ-ċertifikat tal-polza assikurattiva, in kwistjoni wara illi ġejt debitament mitlub tagħmel dan mill-mittenti permezz ta' ittra rreġistrata u datata 7 ta' Ottubru 2011.

Is-soċjetà mittenti qiegħda minn issa tirriżerva kwalunke dritt u azzjoni spettanti lilha skont il-liġi għall-aġir abbużiv u illegali tiegħek Joseph Debattista.

Din l-ittra qed tintbagħat skont il-liġi u senjatament, iżda mhux limitatament ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Frar 2012.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 25th January 2012, in the records of the judicial letter number 3716/2011, in the names GasanMamo Insurance Ltd vs Joseph Debattista, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 18th November 2011

To 1. Joseph Debattista (I.D. 521843M)
Flat, Philip Court,
Triq it-Turisti,
Bugibba, St. Paul's Bay.

2. Peak Insurance Brokers Limited,
Apex Office,
Triq il-Qalb Imqaddsa,
Santa Venera.

3. Awtorità għat-Trasport f'Malta,
Licensing and Testing Directorate,
Hornsworks Ditch,
Floriana.

4. Il-Kummissarju tal-Pulizija,
Kwartieri Generali,
Pjazza San Kalcidonju,
Floriana.

By the present, GasanMamo Insurance Limited ( C 3143) of Triq l-Imsida, Gzira, GZR 1405 inform you for all intents and purposes of law that with effect from midnight of the 14th October 2011, the insurance policy number L1281 0319815 issued by the interpellant company, in regard to the vehicle with United Kingdom registration number RYK 123 Y of the type Ferrari 4001, your property, Joseph Debattista, was revoked and cancelled, since you, Joseph Debattista, failed to return the certificate of the insurance policy in question after you were duly called to do this by the interpellant by means of a registered letter dated 7th October 2011.

The interpellant company is from now reserving any right and action due to it according to law for your abusive and illegal action Joseph Debattista.

This letter is being sent according to law and especially, but not limitedly in terms of Cap. 104 of the Laws of Malta.

With costs.

Registry of the Superior Courts, today 23rd February 2012.

ADV. FRANK PORTELLI,LL.D
For the Registrar,Civil Courts and Tribunals

348

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-22 ta' Frar, 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dott. Giovanni Grixti LLD), Kumpilazzjoni Numru 207/2012 fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafà)
(Spettur Fabian Fleri)

Kontra:

GORDON ZAMMIT, 35 sena, perit, bin Carmel u Valerie xebba Meli, imwieled Attard fid-9 ta' Lulju, 1976 u residenti 134A, Flat 3, Triq it-Torri, Sliema u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 350876 (M);

